# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 13**

**Rikors numru 23/19 MCH**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Martin Marco Baldacchino u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Frar, 2019 fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Marco Baldacchino** ordnat riferenza kostituzzjonali lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla sabiex tagħti tweġiba għad-domanda:

> "..... *jekk bil-fatt illi fil-proċeduri penali miġjuba kontra l-appellant huwa ma ġiex trattat bl-istes mod bħal persuni oħra akkużati b'reati identiċi seta kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq minħabba din l-allegata diskriminazzjoni tant illi ingħata piena aktar severa u dan bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 309 abbinat mal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 6*

*abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem*".

2. Digriet li ngħata fuq talba tal-appellant li għamel riferenza għal tliet sentenzi tal-Qorti Kriminali fil-kawżi, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Anthony Cilia**, **ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Camilleri** u **r-Repubblika ta' Malta v. Marius Scerri**. Il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat:-

> *"Illi l-Qorti eżaminat l-atti tal-kawżi iċċitati mid-difiża u tara illi l-akkużi mogħtija fit-tlett każijiet kienu identiċi għal dawk miġjuba mill-Avukat Ġenerali kontra l-appellant f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Illi f'dawn it-tlett kawżi, il-Qorti Kriminali aċċettat l-ammissjoni tal-persuna akkużata fit-termini tal-artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali, bħal alternattiv għal dak mogħti fl-Att tal-Akkuża li kien ir-reat maħsub fl-artikolu 316(a), liema reat iġorr piena aktar gravi. Fil-każ in diżamina ma jidhirx illi seħħ dan billi l-Avukat Ġenerali fid-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi ma aċċettax illi ikun hemm ammissjoni għar-reat minuri, b'dan għalhekk illi l-Qorti Kriminali kellha taċċetta l-ammissjoni kif magħmula mill-appellant għar-reati kif addebitat lilu fl-Att tal-Akkuża u allura b'wieħed mir-reati ikun dak maħsub fl-artikolu 316(a) tal-Kodiċi Kriminali"*.

3. B'sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2019 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla wieġbet li ma ssibx ksur tal-imsemmija dispożizzjoni jiet. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti kien:

> *"Illi l-Qorti kriminali iddecidiet li l-kazijiet imsemmija mill-akkuzat huma differenti mentri l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li huma identici. Din il-Qorti trid tara li ma tissostitwix b'taghha l-konvinciment li wassal li dawk il-Qrati jiddeciedu b'dak il-mod djametrikament oppost. Xoghol din il-Qorti huwa dak li tara jekk, bil-mod kif tmexxa l-kaz kontra l-akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali kienx imhares il-jedd tieghu li jinghata smigh xieraq u mhux to substitute its own findings of fact.*
>
> "*Din il-Qorti tghid biss li kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu u l-ligi ghandha tigi applikata ghal dawk il-fattispecie partikolari. Inoltre anke jekk l-akkuzi huma identici mhux bil-fors il-piena se tkun identika ghax il-fatti ta' kull kaz ivarjaw kif ukoll ivarjaw il-provi u c-cirkostanzi partikolari kif johrogu mill-atti processwali ta' kull kaz. F'dan il-kaz, biss biss, jissemma li s-*

*sentenzi li saret referenza ghalihom, inqghataw hames snin qabel; l-akkuzat kien ukoll mixli li kiser il-probation u li l-hruq tal-fond kien wiehed doluz u kontra pagament.*

"*Jekk kazijiet kellhom jigu accettati bhala l-istess minhabba l-plea bargaining, il-Qorti ma tkunx tista' tasal ghal verita dwar il-partecipazzjoni ta' kull wiehed mill-akkuzati fuq ir-reat.*

"*Apparti r-raguni imsemmija dwar is-somiljanza tal-akkuzi ma' kazijiet ohra, l-Avukat Generali isemmi wkoll li ma ntlahaqx ftehim ghax il-piena ulterjuri proposta minn Dr Debono (ghax ma' Dr Gulia kienu waslu) ma kinitx tirrispekkja l-gravita u n-natura tal-akkuzi li l-akkuzat kien lest li jammetti.*

"*Jigi rilevat illi hija l-funzjoni tal-Avukat Generali li jiddeciedi x'akkuzi johrog kontra persuna akkuzata u li jrid jara li l-piena li jitlob tkun tirrispekkja l-gravita u n-natura tal-akkuzi, u li jaccetta li jippatteggja biss jekk jintlahaq qbil bejn il-partijiet.*

"*Issa gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Emmanuel Testa*** *(17/07/2002) u fis-sentenza* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri****" (05/07/2002) li l-ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem , jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.*

"*Ghalhekk l-Avukat Generali mhux obbligat li jaccetta patteggjament semplicement ghax akkuzat lest li jammetti. Jekk l-Avukat Generali ma jaqbilx ma dak li jigi propost lilu, huwa liberu li ma jaccettax li jippatteggja. Wara kollox l-Avukat Generali johrog l-akkuzi u jispetta lilu li jiddeciedi jekk inaqqasx jew jibdilx l-akkuzi li jkun hareg. Meta jsir patteggjament hija l-Qorti li trid taccetta u tiddeciedi finalment, izda meta ma jintlahaqx fethim u ma jsirx patteggjament il-Qorti ma tidholx fiha ghax hija ma tistax f'dak l-istadju tesprimi opinjoni dwar piena (jekk mhux fis-sentenza li taghti) u ma tistax taghmilha ta' prosekutur minflok l-Avukat Generali u tghidlu x'ghandu jaghmel u ma jaghmilx fil-funzjoni tieghu jew tidhol fil-mertu tal-akkuzi, dwar liema ghandhom jigu irtirati u liema ghandu jinsisti fuqhom.*

"*Fil-fehma tal-Qorti l-Avukat Generali f'dan il-kaz kellhu r-ragunijiet validi ghaliex ma setghax jaccetta patteggjament u l-akkuzat kien jaf b'dawn ir-ragunijiet meta gew biex jippatteggjaw. Il-Qorti Kriminali sahansitra kienet ikkonfermat li s-sentenzi li l-akkuzat rrefera ghalihom kienu differenti. L-Avukat Generali ma kienx obbligat li bil-fors jaccetta l-proposta ulterjuri tal-akkuzat kontra l-konvinzjoni tieghu. Il-Prosekuzzjoni ma tista' qatt li tigi sfurzata li taccetta piena jekk hi ma taqbilx maghha specjalment meta dik il-piena ma tkunx tirrifletti l-akkuzi li taghhom l-akkuzat ikun irid jirregistra ammissjoni. Illi mkien fil-Kodici Kriminali ma huwa kontemplat li l-Avukat Generali hu obbligat li jaccetta li jippatteggja*

*jekk mhux bi qbil. Il-Kodici Kriminali jinsisti li jrid ikun hemm qbil u li jkun kkonfermat permezz ta' rikors konguntiv. Dan il-qbil ma ntlahaqx u r-rikors kongunttiv ma giex finalizzat. Jigi puntwalizzat li anke kieku stess l-Avukat Generali accetta li jippattegga, l-Qorti Kriminali ma kinitx marbuta li taccetta dak li gie propost lilha.*

"*Tenut kont ta' dan kollu, f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-proceduri li jwassal ghal-lezjoni tad-drittijiet tal-akkuzat ghal smigh xieraq. Ghaldaqstant, l-ilmenti tieghu kollha taht l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni qeghdin jigu michuda.*

"***Diskriminazzjoni - Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni***

"*Ir-rikorrent issottometta li b'din id-diskrezzjoni, l-Avukat Generali holoq diskriminazzjoni kontra tieghu billi huwa ma jistax jiddiskrimina bejn persuni akkuzati bl-istess reat.*

"*L-Avukat General issottometta illi ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni billi r-rikorrent ma ssodisfax l-element importanti sabiex tiskatta l-applikabbilita tal-provvediment fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Minn imkien ma huwa ndikat fuq liema kawzali jew stat ir-rikorrenti qed jallega li qieghed jigi diskriminat. Huwa jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oggettivament simili sabiex il-paragun isir fuq il-bazi ta' 'like with like'. Il-kazijiet imsemmija minnu ma kienux l-istess u l-ebda kaz ma huwa identiku.*

"*L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi s-segwenti:*

> "*It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status iehor.*

"*Din il-Qorti tirreferi ghall-principji generali esposti fis-sentenza* ***Amato Gauci v. Malta****, para 66-68) partikolarment fejn jinghad:*

> "*1. The Court reiterates that Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and its Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter (see, among many other authorities, Petrovic v. Austria, 27 March 1998, § 22, Reports 1998-II).*

> "*2. The Court reiterates that discrimination means treating differently, without an objective and reasonable justification, persons in relevantly similar situations (see Willis v. the United Kingdom, no. 36042/97, § 48, ECHR 2002-IV). However, not every difference in treatment will amount to a violation of Article 14. It must be established that other persons in an analogous or relevantly similar situation enjoy preferential treatment and that this distinction is discriminatory (see Unal Tekeli v. Turkey, no. 29865/96, § 49, 16 November 2004).*

"*Illi fil-kaz in ezami l-Qorti gja ddecidiet li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 6 ghalhekk it-talba fir-referenza fejn hija abbinata mal-artikolu 14 ma tistax tintlaqa.*

"*Fil-kaz in dizamina lanqas ma giet allegata xi diskriminazzjoni ghal xi raguni tal-status (ragunijiet bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta, twelid jew status iehor) sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 14 tal- Konvenzjoni ghalhekk anke taht dana l-aspett it-talba ma tistax tintlaqa'.*

"*Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti twiegeb ir-referenza billi tghid li r-rikorrent ma sofra ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni*".

4. L-aggravju tal-appellant hu li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat u ħażin tal-provi. Fir-rikors tal-appell talab:-

> "*Għaldaqstant l-appellant, filwaqt li jagħmel referenza għal atti proċesswali kollha u jirriżerva li jressaq dawk il-provi kollha permess mil-Liġi u jagħmel wkoll dawk is-sottomissjonijiet kollha permess mil-Liġi, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentezna fl-ismijiet premessi, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), u filwaqt illi tilqa' t-talbiet kollha tal-appellan, kif dedotti minnu, tiċħad it-tweġibiet tal-intimati, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimati*".

5. Jirriżulta li l-appellant kien ġie akkużat li fl-24 ta' Awwissu, 2011 ta n-nar lill-bieb tar-residenza 24, Xalun, Triq il-Kbira, Ħal-Qormi. Fil-ġuri tal-14 ta' Diċembru, 2016 l-appellant ammetta l-akkużi u kien kundannat

piena ta' erba' snin u sitt xhur priġunerija. L-appellant jilmenta li l-Avukat Ġenerali naqas milli jasal fi qbil miegħu dwar il-piena li kellu jingħata meta l-fatti tat-tliet kawżi fuq imsemmija:-

> "*huma kollha simili saħansitra jekk mhux identiċi għal narattiva tal-atti tal-akkuża miġjuba fil-konfront tal-esponent. Illi jirriżulta illi f'dawn it-tlett każijiet bħal fil-każ tal-esponent il-ħatja kollha kienu ġew akkużati fl-att tal-akkuża bl-Artikolu 316(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda minħabba l-ammissjoni tal-ħatja waqt il-kors tal-ġuri l-Avukat Ġenerali fid-diskrezzjoni tiegħu agħżel li jaċċetta din l-ammissjoni taħt l-Artikolu 318 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta bħala alternattiva għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża (u ċioe' l-Artikolu 316 tal-Kap. 9) filwaqt li jżomm ferma għall-bqija tal-kapi fl-istess Att tal-Akkużau b'hekk il-ħatja kollha ingħataw sentenza sospiża.*
>
> "*Illi fil-każ odjern nonostante illi kien hemm l-istess fatti tar-reat u nonostante l-fatti illi l-esponent ammetta l-imputazzjonijiet hekk miġjuba qabel ma ġie appuntat il-ġuri, l-Avukat Ġenerali ma riedx jippatteġġja u jaċċetta bħala għamel fil-każijiet l-oħra surreferiti li tali ammissjoni tkun taħt l-Artikolu 318 tal-Kap. 9 bħala alternattiva għall-Artikolu 316 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> "*Illi saħansitra fil-każ odjern kien hemm ċirkostanzi oħra illi jimmilitaw favur l-esponenti u dan fis-sens illi kien jagħmel iktar sens illi jkun hemm tali patteġġjament min-naħa tal-Avukat Ġenerali u dan peress illi l-esponent irrilaxxa stqarrija ġuramentata lill-Maġistrat tal-Għassa fejn l-espnoent għen lill-Uffiċjal Prosekutur fl-investigazzjoni tal-każ odjern (l-Artikolu 29 tal-Kap. 9), l-esponent ħallas minn butu s-somma ta' €2,523.98 rappreżentanti l-ħsarat ikkaġunati fil-fond fejn sar il-ħruq u illi fil-mument illi l-akkużat ħaraq il-fond in kwistjoni huwa kellu problema akuta ta' droga liema problema u vizzju ta' droga affettwa l-aġir u l-komportament tiegħu*".

6. L-Artikolu 316(a) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:-

> "*316.Kull min volontarjament jagħti n-nar lil dar, maħżen,ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor,għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew ikun hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għalgħomru:Iżda, jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel –*

"***(a) jekk huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena**;*

"*(b) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa disa' snin*".

7. L-Artikolu 318 jipprovdi:-

"*Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda* **meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini***, vettura,għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruqf'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija* **minn sentejn sa erba' snin**".

8. Imbagħad skont l-Artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali:-

"*(1) Qabel ma l-imputat iwieġeb dwar il-każ b'mod ġenerali kif hemm provdut fl-artikolu 453, l-imputat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jitolbu lill-qorti, fil-każ li jkun hemm ammissjoni ta' ħtija, li tapplika sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reat illi jiġi akkużat bihom*".

9. Għalhekk dik id-dispożizzjoni qegħda tikkontempla sitwazzjoni fejn hu possibbli li jsir ftehim bejn l-Avukat Ġenerali u l-akkużat dwar il-piena li jingħata f'każ li jammetti l-ħtija.

10. Bil-mod kif qiegħed jirraġuna l-appellant ifisser li wara li ngħataw it-tliet sentenzi li għalihom irrefera, kull meta persuna tkun akkużata b'reat identiku l-Avukat Ġenerali għandu jdejh marbutin li jkollu jagħmel *plea barganing* mal-akkużat fis-sens li jaċċetta li l-akkuża tinbidel minn ksur

tal-Artikolu 316(a) tal-Kodiċi Kriminali għall-ksur tal-Artikolu 318 tal-istess liġi u li jingħata sentenza sospiża. Dan minħabba dak li ġara snin ilu fit-tlett kawżi fuq imsemmija u li fihom il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet tat-13 ta' Frar 2019 qalet li kellhom akkużi identiċi għal dak tal-każ in eżami.

11. F'kull wieħed minn dawk it-tliet każijiet, il-Qorti approvat il-patteġġament li sar bejn l-akkużat u l-Avukat Ġenerali u kkundannat lill-ħati għall-priġunerija ta' sentejn ħabs sospiża għal erba' snin u multa.

12. Il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-appellant. Kull każ għandu l-fatti tiegħu, kif qalet il-Qorti Kriminali fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru, 2016. Hu veru li fid-digriet tat-13 ta' Frar, 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat li, "*l-akkużi mogħtija fit-tlett każijiet kienu identiċi għal dawk miġjuba mill-Avukat Ġenerali kontra l-appellant f'isem ir-Repubblika ta' Malta*". Pero` dawk it-tlett każijiet ma kinux konnessi mal-każ tal-appellant. Kienu bażati fuq fatti differenti mill-każ in tal-lum.

13. Il-fatt li ma seħħx ftehim bejn l-akkużat u l-Avukat Ġenerali skont l-Artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali, ma jfissirx b'daqshekk li l-appellant ma kellux smigħ xieraq. Fid-digriet tat-13 ta' Frar, 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet riferenza għall-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni li jipprovdi:-

> “*Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:*
>
> “*(a) to be informed promptly, in a language which he understands and in detail, of the nature and cause of the accusation against him;*
>
> “*(b) to have adequate time and the facilities for the preparation of his defence;*
>
> “*(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require;*
>
> “*(d) to examine or have examined witnesses against him and to obtain the attendance and examination of witnesses on his behalf under the same conditions as witnesses against him;*
>
> “*(e) to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court*”.

14. L-ilment tal-appellant m’għandu x’jaqsam xejn ma’ ksur ta’ wieħed jew iktar minn dawn id-drittijiet fundamentali. L-istess jingħad fir-rigward tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi:

> *“(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b’reat kriminali huwagħandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti uimparzjali mwaqqfa b’liġi*”.

15. M’hemm l-ebda prova f’dan ir-rigward li l-appellant ma ngħatax smigħ xieraq *“għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi”*. F’kull każ dak m’huwiex l-ilment tal-appellant.

16. Fil-kors tal-proċeduri l-appellant kien assistit minn avukat, u volontarjament ammetta l-akkużi. Ovvjament il-Qorti m’għandhiex

awtorita' li ġġiegħel lill-Avukat Ġenerali sabiex jikkonkludi ftehim skont l-Artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali. Dak li seta' għadda bejn l-akkużat u l-Avukat Ġenerali bil-għan li jintleħaq ftehim dwar il-piena, ma kienx parti mill-proċeduri kriminali li saru quddiem il-Qorti. Proċess li jekk sar il-Qorti Kriminali ma kellha x'taqsam xejn miegħu.

17. L-ammissjoni tal-appellant kienet tinkludi l-fatti dikjarati fl-att ta' akkuża, u minn liema jirriżulta li:-

i. Volontarjament ta n-nar lill-bieb tar-residenza 24, Xalun, Triq il-Kbira, Hal Qormi;

ii. Fil-ħin tal-ħruq ġewwa l-fond kien hemm Saviour Falzon, martu, ibnu u xi ħaddiema li kienu qegħdin jagħmlu xogħol fir-residenza u seta' jobsor li hemm nies fil-fond;

18. Għalhekk kien hemm l-elementi kollha sabiex l-appellant jinstab ħati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 316 tal-Kodiċi Kriminali. Peress li fl-inċident l-ebda persuna ma tilfet ħajjitha, japplika għalih paragrafu (a) ta' dik id-dispożizzjoni . Sabiex japplika l-Artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali fost'affarijiet oħra kien meħtieġ li fil-fond ma jkunx hemm persuna fuq ġewwa. Pero` f'dan il-każ irriżulta li fid-dar kien hemm in-nies. Ħadd ma ġiegħel lill-appellant jammetti l-akkużi. Dik kienet għażla libera tiegħu.

19. L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jipprovdi li fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet inklużi fil-Konvenzjoni,

> "*.... għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta, twelid jew status ieħor"*.

20. Il-każijiet li jissemmew f'dik id-dispożizzjoni m'humiex eżawrjenti. Pero` biex japplika l-Artikolu 14, id-diskriminazzjoni trid tkun minhabba *'status'* tal-persuna. Fis-sentenza **Guberina v. Croatia** (23682/13) tat-22 ta' Marzu, 2016 il-Qorti Ewropea osservat:-

> "*68. The Court has established in its case-law that* ***only differences in treatment based on an identifiable characteristic, or status, are capable of amounting to discrimination within the meaning of Article 14*** *(see Eweida and Others v. the United Kingdom, nos. 48420/10 and 3 others, § 86, ECHR 2013)*".

21. F'dan il-każ l-appellant ġie akkużat bl-istess reat li kienu akkużati l-persuni fit-tliet kawżi fuq imsemmija.

22. L-appellant argumenta li:-

> "*Illi saħansitra fil-każ odjern kien hemm ċirkostanzi oħra illi jimmiltaw favur l-esponenti u dan fis-sens illi kien jagħmel iktar sens illi jkun hemm tali patteġġament min-naħa tal-Avukat Ġenerali u dan peress illi l-esponent irrilaxxa stqarrija ġuramentata lill-Maġistrat tal-Għassa fejn l-esponent għen lill-Uffiċċjal Prosekutur fl-investigazzjoni tal-każ odjern (Artikolu 29 tal-Kap. 9), l-esponent ħallas minn butu s-somma ta' €2,523.98 rappreżentanti ħsarat ikkaġunati fil-fond fejn sar il-ħruq u illi fil-mument illi l-akkużat ħaraq il-fond in kwistjoni huwa kellu problema akuta ta'*

> *droga liema problema u vizju ta' droga affettwa l-aġir u l-komportament tiegħu".*

23. Raġunament li m'għandu assolutament jaqsam xejn mad-diskriminazzjoni kontemplata fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni li hu iktar restrittiv. Se mai dawk huma konsiderazzjonijiet li kellhom jitqiesu mill-Qorti meta tagħti l-piena, u li issa trid tikkonsidra l-Qorti tal-Appell Kriminali meta tiddeċiedi l-appell.

24. Dan apparti li kif il-Qorti diġa osservat, kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. F'dan il-każ irriżulta li l-appellant kien *commissioned* bi ħlas sabiex iwettaq ir-reat. Ċirkostanza importanti li ma jirriżultax li kien hemm fil-każijiet l-oħra. Irriżulta wkoll li bir-reat l-appellant kien kiser *ordni ta' probation*. Għalhekk dan m'huwiex każ ta' *'like with like'*. Fil-każ **Kafkaris v. Cipru**[1] (21906/04) tat-12 ta' Frar, 2008 intqal:

> "*Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially **different factual circumstances** and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention (see, among other authorities, G.M.B. and K.M. v. Switzerland (dec.), no. 36797/97, 27 September 2001)*".

25. Għalhekk ma jistax jingħad li s-sitwazzjoni tal-appellant kienet tixxiebah ma' dik tal-akkużati l-oħra fil-kawżi fuq imsemmija. Biżżejjed jingħad li l-kawżi **ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Camilleri** u **ir-**

[1] Saret riferenza għaliha fir-rikors tal-appell.

**Repubblika ta' Malta v. Anthony Cilia** kienu jitrattaw kwistjonijet familjari. Dan apparti li s-soċjeta għandha kull jedd li tkun protetta minn dak it-tip ta' reat li wettaq l-appellant.

26. Fl-aħħar nett fis-sentenza **Guberina v. Croatia**, l-istess Qorti osservat:

> "*67. The Court has consistently held that Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and its Protocols.* ***It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded thereby. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts in issue fall within the ambit of one or more of them****. The prohibition of discrimination enshrined in Article 14 thus extends beyond the enjoyment of the rights and freedoms which the Convention and the Protocols thereto require each State to guarantee. It applies also to those additional rights, falling within the general scope of any Convention Article, for which the State has voluntarily decided to provide (see, among many other authorities, E.B. v. France [GC], no. 43546/02, §§ 47-48, 22 January 2008, and Carson and Others v. the United Kingdom [GC], no. 42184/05, § 63, ECHR 2010).*

27. Magħmula l-konsiderazzjonijiet fl-ewwel parti ta' din is-sentenza, il-qorti lanqas ma ssib li l-ilment tal-appellant taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jaqa' taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-appellant bl-ispejjeż kollha kontrih.

Tordna li r-Reġistratur minnufih jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Appell Kriminali li għandha tissokta bis-smigħ tal-proċeduri pendenti quddiemha.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb